

Din it-taqsimha tagħtik deskrizzjoni ġenerali tar-reġstru tal-kummerċ ta' Malta.

L-istorja tal-istabbiliment tar-reġstru nazzjonali

Meta twaqqaf?

Ir-Reġistru dwar in-Negożju ta' Malta (*Malta Business Registry - MBR*) huwa Aġenzija governattiva li għet mogħtija awtonomija fl-2018 permezz tal-**Leġislazzjoni Sussidjarja 595.27**. Qabel ma twaqqfet, l-aġenzija kienet organu fi f'dan l-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA). L-Aġenzija hija mogħtija dawk is-setgħat u d-dmirijiet kollha li jappartjenu għar-Reġistratur tal-Kumpaniji taħt l-Att dwar il-Kumpaniji (**Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta**) u kull liġi applikabli oħra.

Meta ġie diġitalizzati?

Inizjalment, is-sistema onlajn għet żviluppata fl-2004 b'diversi żviluppi tul is-snin sabiex jaqdu aħjar il-bżonnijiet taċ-ċittadin, il-provdituri ta' servizzi għall-kumpaniji, u l-kumpaniji nfushom. Bħalissa is-sistema onlajn tal-MBR għaddeja minn proċess rigoruż ta' aġġornament sabiex tipprovi servizz diġitali iktar modern, b'użu ta' teknoloġija iktar avvanzata li tinkorpora fiha l-utilità li persuna tiffirma b'mod diġitali, u tiffirma kumpanija *onlajn* fost oħrajn b'sistema teknoloġika iktar effettiva. Huwa mbassar li s-sistema tkun aġġornata u diġitalizzata għal kollox bejn tmien is-sena tal-2021 u bidu tal-2022.

Liema hija l-leġiżlazzjoni applikabli attwali?

Il-liġi tal-istabbiliment tal-aġenzija hija l-**Leġislazzjoni Sussidjarja 595.27**, iżda l-liġi statutorja li tkompli kemm tiddiversifika l-poteri u l-funzjonijiet tal-aġenzija, kif ukoll talloka d-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet ta' persuni legali u uffiċjali tal-kumpaniji hi vasta. Din il-**leġislazzjoni** hija s-sussegwenti:

Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, *L-Att dwar il-Kumpaniji*;

L.S. 386.01 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Formoli taħt l-Att dwar il-Kumpaniji*;

L.S. 386.02 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Kumpaniji ta' Investiment b'Kapital Azzjonarju Varjabbli skond l-Att dwar il-Kumpaniji*;

L.S. 386.03 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Drittijiet li jgħorġu mill-Att dwar il-Kumpaniji*;

L.S. 386.04 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Kumpaniji ta' Investiment b'Kapital Azzjonarju Fiss skond l-Att dwar il-Kumpaniji*;

L.S. 386.05 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Kontinwazzjoni ta' Kumpaniji*;

L.S. 386.06 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar l-Applikabbiltà ta' l-Att dwar il-Kumpaniji għal Kumpaniji Offshore*;

L.S. 386.07 tal-Liġijiet ta' Malta, *Ordni dwar l-Applikabbiltà ta' l-Att dwar il-Kumpaniji għal Kumpaniji Offshore Iffurmati u Reġistrati taħt l-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali u l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta*;

L.S. 386.08 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar l-Att dwar il-Kumpaniji (Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku)*;

L.S. 386.09 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Kumpaniji ta' Investiment b'Kapital Azzjonarju Varjabbli bħala Skemi jew Fondi għal min Jirtira*;

L.S. 386.10 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar l-Att dwar il-Kumpaniji (Kumpaniji Ċellulari li jmxexx Kummerċ ta' Assigurazzjoni)*;

L.S. 386.11 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar l-Att dwar il-Kumpaniji (Il-Prospett)*;

L.S. 386.12 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Għaqdiet Cross-Border ta' Kumpaniji b'Responsabbiltà Limitata*;

L.S. 386.13 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Incorporated Cell Companies Carrying On Business of Insurance taħt l-Att dwar il-Kumpaniji*;

L.S. 386.14 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar SICAV Incorporated Cell Companies taħt l-Att dwar il-Kumpaniji*;

L.S. 386.15 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Recognised Incorporated Cell Companies taħt l-Att dwar il-Kumpaniji*;

L.S. 386.16 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Securitisation Cell Companies*;

L.S. 386.17 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Transfer of Registered Office of a European Company (SE)*;

L.S. 386.18 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Companies Act (System of Interconnection of Registers)*;

S.L. 386.19 of the Laws of Malta, *Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations*;

L.S. 386.20 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Companies Act (Audit Exemption)*;

L.S. 386.21 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Companies Act (Company Reconstructions Fund)*;

L.S. 386.22 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Companies Act (Shipping and Aviation Cell Companies)*;

L.S. 459.01 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Financial Collateral Arrangements*;

Fondazzjonijiet u Assoċjazzjonijiet:

Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, *Kodiċi Ċivili*;

L.S. 16.07 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Drittijiet li Jitħallsu taħt it-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili*;

L.S. 16.08 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Notifiki u Formuli taħt it-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili*;

L.S. 16.10 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Organizzazzjonijiet Eżistenti taħt it-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili*;

L.S. 16.17 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar ir-Reġistru ta' Sidien Benefiċċjarji – Assoċjazzjonijiet (It-Tieni Skeda) (Kodiċi Ċivili)*;

L.S. 16.18 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar ir-Reġistru ta' Sidien Benefiċċjarji – Fondazzjonijiet (It-Tieni Skeda) (Kodiċi Ċivili)*

L.S. 492.01 tal-Liġijiet ta' Malta, *Regolamenti dwar Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali)*

X'informazzjoni joffri r-reġistru tan-negożju?

Min għandu d-dritt li jaċċessa r-reġistru?

Is-sistema onlajn tiffaċilizza l-aċċess għar-reġistru għal kull persuna naturali li tixtieq tikseb informazzjoni dwar kumpaniji, fondazzjonijiet u assoċjazzjonijiet. L-informazzjoni li tinsab fuq ir-reġistru tinkludi dik l-informazzjoni li hija mingħajr f'has u għall-użu ta' kulħadd (informazzjoni pubblika). Din tinkludi l-ismijiet u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpaniji, l-indirizz reġistrat tagħhom, id-data tal-inkorporazzjoni, jekk hijiex kumpanija jew le, il-kapital azzjonarju, l-identità tal-uffiċjali tal-kumpaniji, fost oħrajn.

L-aċċess għal dokumentazzjoni tal-kumpaniji oltra, hija mbagħad bi f'has minimu. Din id-dokumentazzjoni tinkludi n-notifikazzjonijiet kollha illi jiġu sottomessi u reġistrati mir-Reġistratur fuq kull kumpanija, l-istatut tal-kumpanija, l-kontijiet annwali u kif ukoll il-prospetti annwali, fost oħrajn. Dettalji ta' sidien benefiċċjarji huma wkoll aċċessibbli mill-pubbliku ġenerali u huma bi f'has minimu.

X'informazzjoni fih ir-reġistru tan-negożju?

X'tipi ta' *data* jinħażnu? (liema entitajiet jiddaħħlu fir-reġistru pubbliku, informazzjoni dwar l-insolvenza, rapporti finanzjarji...)

Id-*data* li tinħażen hija din imsemmija hawn taħt:

Dettalji tal-kumpanija, fosthom, l-isem reġistrat tal-kumpanija, id-*data* tar-reġistrazzjoni u l-uffiċju reġistrat;

L-*istat* tal-kumpanija, jekk hux attiva jew ġietx xolta;

Il-kapital azzjonarju awtorizzat tal-kumpanija;

Il-partijiet involuti bil-karta tal-Identità u l-indirizz residenzjali tagħhom li jinkludi d-diretturi, l-azzjonisti, ir-rappreżentanti legali, ir-rappreżentanti ġudizzjarji, is-segretarji, u l-awdituri;

Numru ta' ishma ta' kull membru/azzjonist;

Jekk kumpanija tkun fi proċess ta' stralċ, ikun hemm ukoll id-dettalji tal-istrarċjarju/i;

Is-sidien benefiċjarji;

Liema dokumenti qed jiġu ffajljati/jinħażnu? (fajls, ktieb ta' dokumenti, statuti, minuti tal-laqqhat ġenerali...)?

Id-dokumenti li jinħażnu huma dawn imsemmija hawn taħt:

Il-Prospett Annwali;

Kontijiet;

Statut (Il-Memorandum u l-Artikoli tal-Assoċjazzjoni);

Informazzjoni fuq is-Sidien Benefiċjarji;

Riżoluzzjonijiet;

Minuti tal-laqqhat ġenerali;

Dokumenti ta' Xoljimenti, Likwidazzjoni u Stralċ;

Notifikazzjonijiet oħra illi huma mitluba mil-liġi.

Kif nista' nagħmel tiftixa (u x'inhuma l-kriterji tat-tiftix disponibbli)?

Personalment

Informazzjoni dwar il-kumpaniji huma disponibbli direttament mill-uffiċini tal-MBR sitwiti ġewwa ż-Żejtun, Malta.

Fis-sit web tar-reġistru

L-informazzjoni tinsab fuq il-portal tal-MBR: <https://registry.mbr.mt/ROC/>

X'inhuma l-kriterji tat-tiftix disponibbli?

Il-persuna li qiegħda tiftex trid tidħol fil-link imsemmi tal-portal u tmur *Company Search*. Kulħadd jista' jfttex kumpanija billi juża isimha, jew parti minnu, jew in-numru ta' reġistrazzjoni tagħha.

Kif nista' nikseb id-dokumenti?

Id-dokumenti jistgħu jinxtrow mis-sistema onlajn permezz ta' pagament bil-kard jew direttament mill-uffiċju tal-MBR.

Kif nista' nikseb estratt tar-reġistru, kopja ċertifikata jew traskrizzjoni tad-dokumenti?

Dan jista' jsir billi persuna tibgħat it-talba tagħha permezz ta' *imej* fuq orders.mbr@mbr.mt fejn tindika d-dokumenti rikjesti minnha.

Proċedura ta' reġistrazzjoni

Kif nista' nniedi l-proċedura ta' reġistrazzjoni (kif nissottometti applikazzjonijiet lir-reġistru, ċertifikazzjoni tad-dokumenti, tip ta' dokumenti li jeħtieġ li jiġu meħmuża)?

Personalment

Il-proċess tar-reġistrazzjoni jista' jibda direttament fl-uffiċini tal-MBR sitwiti ġewwa ż-Żejtun. Id-dokumenti li jeħtieġu jkunu meħmuża huma l-Memorandum u l-Artikoli tal-Assoċjazzjoni tal-Kumpanija, flimkien mad-dokumenti rilevanti, dokumenti ta' identifikazzjoni, u provi ta' depositu bankarju tal-kapital azzjonarju.

Online

Dan il-proċess jista' jsir minn persuna li tkun reġistrata fuq l-*online system* bħala *authorised user*. L-istess rekwiżit ta' dokumenti japplika iżda l-ħlas marbut ma' proċedura online huwa irħas minn dak li jsir personalment.

Kumpanija tista' tiġi reġistrata jekk ikollha firma diġitali skont l-EIDAS u tintbagħat lil MBR.

L-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi kif jiġu rieżaminati?

L-uffiċjali fi ħdan l-MBR janalizzaw id-dokumentazzjoni kollha sottomessa u ssir verifikazzjoni fejn titlob il-liġi. L-involvimenti jiġu mgħarbla kontra sanzjonijiet, aħbarijiet negattiva, u jekk humiex esposti politikament jew diskwalifikati. Jiġu eżaminati wkoll l-*ifrem* u li min iffirma tali dokument huwa l-persuna leġittima illi tiffirma dak id-dokument. L-informazzjoni tiġi wkoll analizzata illi hija skont il-liġi.

Effetti legali tar-reġistrazzjoni

Effett tal-entrati fuq partijiet terzi skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2017/1132

Dan huwa wkoll regolat taħt l-Att dwar il-Kumpaniji ([Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta](#)) b'artikolu 401(2) tal-istess Att. Kull dokument, ċertifikat jew xi partikolar ieħor jeħtieġ il-pubblikazzjoni msemmija fl-artikolu 401(1)(e). Din il-pubblikazzjoni isservi sabiex tali dokumentazzjoni jkollha effett kontra terzi mis-soċjetà kummerċjali konċernata. Kull operazzjoni li ssir qabel is-sittax-il jum wara l-pubblikazzjoni ta' xi dokument, ċertifikat jew partikolar ieħor, ma tkunx tista tintuża kontra terzi li jippruvaw li ma kienx possibbli għalihom li kien ikollhom tagħrif dwarha.

Diskrepanzi bejn l-entrata fir-reġistru u l-pubblikazzjoni tagħha

Skond l-aħħar Direttiva tal-UE 2019/1151 (li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132) kull diskrepanza li tista' tirriżulta bejn dak li jkun fir-reġistru u dak pubblikat, il-verzjoni tar-reġistru hi dik li tgħodd għal fini ta' korrettezza. Madanakollu ta' min jingħad ukoll illi tali diskrepanza għandha tkun evitata kemm jista' jkun u dan illum il-ġurnata hu mgħejjun ukoll mill-fatt illi l-pubblikazzjonijiet u dokumentazzjoni li hi aċċessibbli għal pubblika (kemm dik l-informazzjoni li hi bla ħlas u kif ukoll dik li tkun bi ħlas) hi mpoġġija u pubblikata fuq is-sistema onlajn tal-MBR. B'hekk huwa ferm iktar diffiċli li dak li jkun entrat fir-reġistru ma jkunx rifless fil-pubblikazzjoni. Il-pubblikazzjonijiet ikunu kollha ġġenerati fuq <https://support.mbr.mt/pages/Publications.aspx> u dan addizzjonalment għall-portal.

Min huwa responsabbli għall-preċiżjoni tar-rekords?

Il-kumpanija nnifisha hija responsabbli għall-preċiżjoni tar-rekords.

Proċeduri tal-protezzjoni tad-*data*

Proċeduri relatati mad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* rigward il-pubblikazzjoni u l-ħżin tad-*data* personali tiegħu

Id-drittijiet mogħtija lis-suġġett tad-*data* taħt ir-Regolament tal-UE rigward il-protezzjoni tad-*data* huma imħarsa f'kull waqt li l-MBR tkun teħtieġ tirċievi, tipproċessa u taħżen tali *data*. L-MBR għandha wkoll l-uffiċjal għall-protezzjoni tad-*data*. Kull informazzjoni relata ma' dan is-suġġett hi aċċessibbli wkoll fuq is-sit tal-MBR f' iktar dettall fejn jiġi spjegat x'jikkonsisti *data* personali, il-liġijiet applikabbli f'dan il-qasam, x'*data* tiġi miġbura mingħand il-persuni suġġetti, kif tiġi miġbura tali *data*, l-użu tal-media soċjali, il-korrettezza tad-*data*, il-ħażna u perjodi ta' ritenzjoni, il-proċess kif wieħed jitlob id-*data* miżmuma mill-MBR dwaru, il-proċedura kif wieħed jagħmel ilment formali mal-Uffiċju tal-Kummissarju tal-Infommazzjoni u l-Protezzjoni tad-*data*, fost oħrajn. Din l-informazzjoni hi aċċessibbli fuq is-sit <https://mbr.mt/privacy-policy/>

Informazzjoni ta' kuntatt

Wieġed jista' jċempel fuq (+356) 22582300 jew iżur is-sit elettroniku fuq l-indirizz <https://mbr.mt/>

Wieġed jista' wkoll jirrikorri għall-uffiċini tal-MBR bl-indirizz Malta Business Registry,

AM Business Centre, Triq il-Labour, Żejtun ZTN 2401, Malta

Imejl għall-ordnijiet ta' ċertifikati u dokumentazzjoni, tista' tintbqgħat fuq orders.mbr@mbr.mt u għal kull għajnuna relatata mas-servizzi elettroniċi, tista' tintbqgħat *imejl* fuq support.mbr@mbr.mt

Links utli

<https://mbr.mt/contact/>

<https://mbr.mt/companies-act/>

<https://mbr.mt/foundations-and-associations/>

<https://mbr.mt/faq/>

<https://mbr.mt/resources/>

<https://mbr.mt/promo/official-registry-forms/>

<https://mbr.mt/news/>

<https://legislation.mt/>

L-aħħar aġġornament: 23/06/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.